# IL - MOGĦOŻA MALTIJA F'ĦAL TARXIEN

Rafel Bonnici Calì

F'gażżetta Ngliża nkiteb li fl-Ingilterra hemm għaqda *The Royal Goat Society,* Għaqda prestiġjuża ħafna, għax il-mogħoża tipproduċI ħalib tajjeb u b'irħis, għax tiekol ħafna ħaxix u ikel ieħor irħis, mhux bħall-baqar li jieklu ikel li jiswa ħafna flus. Ukoll aħna l-Maltin sibna li t-trobbija tal-mogħoż taqblilna ħafna, u l-akbar merħliet ta' dawn l-annimali kienu dejjem kienu jinsabu f'Ħal Tarxien.

Kellna għanja tradizzjonali dwar il-mogħoża:

Agħmel xita, agħmel / Ħalli jikber il-ħaxix,

Il-ħaxix intuh lill-mogħża / Ħalli ttina il-ħalib!

Sibt lil Vince Schembri biex jgħinni nikteb fuq l-annimali tal-ħalib, speċjalment il-mogħoż li kien ilhom f'Ħal Tarxien sa minn żmien it-tempji neolitiċi, kif jixhdu l-figuri ta' annimali skolpiti ma' figuri oħra u pjanti ta' tiżjin ieħor li kixef il-professur Temi Żammit fl-1913 u saru magħrufa mill-arkeologġI tad-dinja kollha.

Vince Schembri llum huwa wieħed mill-aħjar ħaddiema fil-*farm* tal-gvern u speċjalizza l-aktar fit-tkabbir tas-siġar tal-frott. Fi tfulitu għex aktarx man-nanniet tiegħu bdiewa minn Ħal-Tarxien, imma n-nannu, raħħal mill-aħjar, kien jieħdu miegħu biex ibiegħ il-ħalib fil-Fgura u Bormla, u minn ċkunitu kellu l-ħila jaħleb. Kien tifel intelliġenti ħafna ukoll għal snajja oħra. Bniedem minn tagħna ħafna li jħobb jgħin lill-proxxmu bi spġirtu nisrani. Malli tlabtu biex jgħinnu dwar il-kitba fuq il-mogħoż, mill-ewwel wera nteress u qdieni mill-aħjar, għax mhix ħaġa ħafifa li wieħed isib raħħal li jaf l-iskola u jaf jikteb, għax ir-raħħala kważi kollha spiċċaw malli bdiet il-gwerra tal-1940, meta waqa' l-ġuħ u l-mogħoż l-bhejjem bdew jinqatlu għall-ikel fil-*Victory Kitchen.* Merħliet oħrajn kienu jeżistu ukoll bnadi oħra fosthom il-Ħamrun, li kienu jservu l-Belt, L-imsida, Tas-Sliema, eċċ. Mbagħad saret taqliba oħra meta beda l-ħalib pasturiżżat, kif għadu sa llum.

Dan li ġej huwa dak li kitibli Vince Schembri f'Novembru tal-1997, b'xi rimarki tiegħI li jidhru fil-parentesi:

Il-Merħliet tal-mogħoż f'Ħal Tarxien

Jekk tmur lura fis-snin Ħal Tarxien kien wieħed mill-irħula bil-merħliet tal-mogħoż. Persentaġġ ġmielu tan-nies kienu jgħixu bil-mogħoż, (u annimali oħra bħal nagħaġ u baqar) u kien hemm min jgħid li l-mogħoż kienu "it-tarzna ta' Ħal Tarxien". Dawn il-merħliet kienu ta' ħafna familji, famiolji bl-aħwa kollha, bħal ta' Parotti, ta' Kaċija, it-Tikki, il-Ġogu, ta' Jokk, il-Pilit, Wenza Kuluri, tal-Gidi, tas-Sejka, ta' Kalanċ, il-Barun, is-Siċċa, ta' Ċappetta, Frenċ il-Qastni, il-Qambu, ta' Suffara, tas-Sejs, il-Fufu, tax-Xaru, il-Giga, Graxxuli, il-Landa, Pawlu Ballaruxa, Pietru ta' Gan Pawl, Leli tal-Manokk, il-Bajdun, ta' Fażolu, Iċ-Ċanu, ta' Barrieru, ta' Fedrek, tad-Drogi, Iż-Żebbuġl, tas-Sigarett Pasassi, tal-Qeqqi, Pawlu Mara, ta' Matti, (u il-Manu). Dawn ir-raħħala kienu jeżistu fi żmien il-gwerra. Kienu jbiegħu il-ħalib fl-irħula l-oħra. Il-bejjiegħ kien jgħajjat bil-ħalib u jaħleb fil-bottijiet jew buqari tann-nies li kienu jistennewhom (l-aktar fit-tliet ibliet tal-Kottonera, u jibdew madwar il-5 a.m.)

Ir-raħħalaf'Ħal Tarxien kienu jbiegħu ħalib kuljum, xemx jew xita, lejn il-Kottonera u r-Raħal Ġdid. Qabel joħorġu l-mogħoż fit-toroq kienu jlibbsuhom is-sarima. Is-sarima kienet qisha xibka (tal-metall) biex tgħatti ħalq il-mogħża. B'din is-sarima l-mogħoża ma kienetx tista' tiekol mit-triq, bħal karti, eċċ. Il-pulizija kien ħarrek lir-raħħal jekk il-mogħoż ma jkollhomx sarima.(Għax kien ikun hawn ħafna deni rqiq li xi drabi kien Iġib ukoll il-mewt mill-infezzjoni tal-mogħoż).

Il-Mogħoża Maltija kellha ħafna titoli differenti, wħada mill-oħra; (skond il-kulur tas-suf u l-forma u l-kobor tas-sider). Eżempji: aħmar u abjad:- belqa bl-aħmar; abjad u iswed:-belqa bl-iswed; widnejn imniżżlin u mibrumin il-fuq:- torka; widnejn qosra:- garruba; li qatt ma kellha gidjien:- dika: raġel tal-mogħoża:- bodbod; Meta jkun jiġri mall-merħla lill-bodbod kienu jorbtulu żewġ saqajn biex ma jgħammarx meta jrid hu. Sider sabiħ u tond:- drieħna bir-rota; sider ikraħ imniżżel l-isfel:- dreiħħa fliexken; denbha mgħawweġ:- bħal tal-majjal; denbha sabiħ u wieqaf:- denb frostin: bil-qrun:- qarna; b'ħafna xagħar:- midliela; bi ftit xagħar:- milgħuqa.

Il-mogħoża ddum ħames xhur biex twelled. Waħda mill-mogħoż, il-favorrita

tal-merħla, kienu jdendlulha s-sansarru m'għonqha. Is-sansarru kien forma ta' qanpiena tal-landa, bl-ilsien ta' għadma niexfa. Kulħadd kkellu sansarru ma' mogħoża mill-merħla, għalhekk kien jingħaraf fir-raħal. Il-mara tar-raħħal kienet tinduna mis-sansarru meta jkun wasal id-dar jew ir-razzaett bil-mogħoż.

Uħud mir-raħħala kienu jżommu l-mogħoż ukoll fid-dar fejn joqgħodu. Qabel ma ħolqu l-ġwież konċentrat għall-ħabta tas-Sittinijiet kien jgħalfu żrieraħ sħaħ bħal ful, qamħ ir-rum, ċlċri, pasta, li jkun ħaxix ippressat, mgħalef, silla u ġilbiena.

Il-mogħoż kienu jżommuhom fl-imqajel. Il-maqjel kienu jfassluh bil-kxaxen fejn il-mogħoż jieklu u jintrabtu bl-għollieqa. Fl-art kien ikun hemm dorga għall-awrina.

Ir-raħħal Iżejjen il-mogħoż tiegħu billi jagħmlilhom il-ħannieqa ma' għonqhom, jomxothom, u saħansitra wkoll jaħsilhom. Din il-ħannieqa kienu jagħmluha uħud mir-raħħala stess, bħal Ċensu Gialanze il-Gogu. Din kienet tkun mibruma bil-biċċiet ta' l-ixkejjer u bnadar ħomor li kienu jbiegħu is-Servizzi. Meta jinbeigħu, il-mogħoż kienu jinġarru fuq xi ħmar jew żiemel fiċ-ċestun tal-karrettun; min ma kellux biex Iġorr kien jerħilha bil-mixi. (Vince Schembri, Ħal Tarxien, Nov.1997)

---

